

Rikors ippreżentat fid-9 ta' April 2019 — Infineon Technologies Dresden vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-233/19)**

(2019/C 213/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Infineon Technologies Dresden GmbH & Co. KG (Dresden, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Assmann u M. Peiffer, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-konvenuta nnotifikata bid-dokument C(2018) 3166 (ĠU 2019, L 14, p. 1) tat-28 ta' Mejju 2018 dwar skema ta' għajjuna SA.34045 (2013/c) (ex 2012/NN) implimentata mill-Ġermanja għall-konsumaturi ta' karga bażika skont l-Artikolu 19 tar-Regolament StromNEV, kif ukoll

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq motiv wieħed li permezz tiegħu r-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali sa fejn l-eżenzjoni mit-tariffi tan-netwerk taħt it-tieni sentenza tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament StromNEV ma tikkostitwixx għajjuna mill-Istat fis-sens tal-Artikoli 107 *et seq.* TFUE.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni, l-ewwel nett, li l-eżenzjoni mit-tariffi tan-netwerk mogħtija fuq il-bażi tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament StromNEV ma hijiex mogħtija minn riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE iżda hija ffinanzjata mill-kumpanija Ġermaniża li topera n-netwerk tal-elettriku, li hija rregolata mid-dritt privat u li l-aġir tagħha ma jistax jiġi attribwit lill-Istat. Is-soprataxxa inkwistjoni lanqas ma tista' titqies li hija ekwivalenti, fl-applikazzjoni tagħha, għal imposta fuq il-konsum tal-elettriku fil-Ġermanja. Barra minn hekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma teżerċita ebda kontroll fuq l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku li jamministraw dawn il-fondi.

It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li l-eżenzjoni mit-tariffi tan-netwerk fuq il-bażi tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament StromNEV hija materjalment differenti miċ-ċirkustanzi li kienu inkwistjoni fil-Kawża C-206/06, Essent Netwerk Noord *et u* fil-Kawża C-262/12, Vent De Colère!. Madankollu, il-każ ineżami jista' jitqabbel mas-soprataxxa inkwistjoni fil-Kawża C-405/16 P, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, u għalhekk ma għandux jiġi kklassifikat bħala għajjuna mill-Istat.